

10.4.2013

A7-0060/19

Emenda 19

Peter Liese

fisem il-Grupp PPE

Rapport

Peter Liese

Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra
COM(2012)0697 – C7-0385/2012 – 2012/0328(COD)

A7-0060/2013

Proposta għal deċiżjoni

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva

Paragrafu 1a (ġdid)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva

Emenda

1a. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

Għal finijiet ta' informazzjoni, hawn huwa t-test tad-dikjarazzjoni:

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tfakkar li, skont l-Artikolu 3d tad-Direttiva 2003/87/KE, id-dħul iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti tal-avjazzjoni għandu jintuża biex jindirizza t-tibdil fil-klima fl-UE u fil-pajjiżi terzi, fost l-oħrajn, sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, biex isir adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima fl-UE u fil-pajjiżi terzi, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għat-trażżin u l-adattament, fosthom b' mod partikolari fl-oqsma tal-aeronawtika u t-trasport bl-ajru, għat-tnaqqis tal-emissjonijiet bis-saħħa ta' trasport b'emissjonijiet baxxi u biex tiġi koperta n-nefqa tal-amministrazzjoni tal-iskema tal-Unjoni. Id-dħul mill-bejgħ bl-irkant għandu jintuża wkoll sabiex jiffinanzja kontribuzzjonijiet għall-Fond Globali għall-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli, u għal miżuri biex tiġi evitata d-deforestazzjoni.

Il-Kummissjoni tinnotta li l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-azzjonijiet meħuda skont l-Artikolu 3d tad-Direttiva 2003/87/KE dwar l-użu tad-dħul iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti tal-avjazzjoni. Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kontenut ta' dan ir-rapport huma stipulati fir-**Regolament (UE) Nru.../2013¹ dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE**. Aktar dettalji se jingħataw fl-att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 18 ta' dak ir-Regolament. L-Istati Membri se jippubblikaw ir-rapporti filwaqt li l-Kummissjoni se tippubblika l-informazzjoni aggregata tal-Unjoni dwar dawn f'forma faċilment aċċessibbli.

Il-Kummissjoni tenfasizza li mekkaniżmu bbażat fuq is-suq globali li jagħti prezz

AM\933085MT.doc

PE507.422v01-00

internazzjonali lill-emissjonijiet tal-karbonju mill-avjazzjoni internazzjonali jista', barra milli jikseb l-għan ewlieni tiegħu tat-tnaqqis tal-emissjonijiet, jgħin sabiex jipprovdi r-riżorsi meħtieġa bħala sostenn għat-trażżin tat-tibdil fil-klima u l-miżuri ta' adattament.

¹ Dalwaqt jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dik id-dikjarazzjoni jeħtieġ li tissemma fir-risoluzzjoni leġiżlattiva.